Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 10/2017

**Wara d-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fil-Każ Nru. 385/16 tas-26 ta' Jannar 2017 fl-ismijiet:**

**Angelo Zahra bin-numru tal-karta tal-identità 0444937M f'ismu proprju u bħala suċċessur u eredi ta' martu Josephine Zahra (0846437M) u b'digriet ta' din il-qorti saret trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Joseph Zahra (K.I.0379059M) u Miriam Vella (K.I. 0012463M) werrieta ta' Angelo Zahra li miet fil-mori tal-appell**
**(appellat)**

**Vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd (C-30053)**
**(appellant)**

21 ta' Ottubru, 2019.

1. **Din is-sentenza hi dwar appell ta' GlobalCapital Financial Management Ltd minn deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fis-26 ta' Jannar 2017 li biha laqa' l-ilment tal-appellat rigward l-investiment fuq parir tal-appellanti fil-prodott finanzjarju *Lifemark S.A. Secure Income Bond 3 GBP-QI*.**

2. Il-proċeduri quddiem l-Arbitru żviluppaw hekk:

   2.1. Permezz ta' ilment li wasal fl-uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fit-28 ta' Lulju 2016, l-appellat limenta fir-rigward tal-prodott ***Lifemark SA – Secure Income Bond*** li akkwista fuq parir tal-appellanti. Fl-qosor qal li hu u martu, illum mejta, twieldu t-tnejn fl-1937 u meta ġara l-każ suġġett tal-ilment kellhom 71 sena. Il-qliegħ tagħhom kien biss mill-pensjoni u xi

imgħax. Filwaqt li mart l-appellat marret skola sal-età obbligatorja u kienet batuta fl-Ingliz, l-appellat studja għall-apprentist fil-mekkanika fid-*Dockyard Navali* u kellu livell ta' Ingliż tajjeb fil-lingwa teknika tal-inġenjerija, iżda ma kellux għarfien fil-qasam tal-finanzi. Qal li l-ewwel investiment li għamlu tramite l-appellanti kien fl-2003 fl-*Aberdeen International High Yield Bond Fund* u qatt ma kellhom problemi b'dak l-investiment. Iżda fl-2008 il-*financial planning officer* tal-appellanti talbu jmur l-uffiċċju għandhom b' urġenza. Hemmhekk John Caruana għarrfu li l-investiment li huwa kellu fl-*Aberdeen International High Yield Bond Fund* kien sejjer ħażin u *going bust*. Kompla li ħeġġu b'insistenza sabiex ibiegħ dak l-investiment u jinvesti r-rikavat f'investiment b'kapital żgur fil-*Keydata Lifemark Secure Income Bond* li jħallas imgħax ta' 7.5% fis-sena. Minkejja li huwa ma kellux problemi bl-investiment fl-*Aberdeen,* huwa straħ fuq il-parir mogħti lilu u ttrasferixxa madwar żewġ terzi tal-investiment fl-*Aberdeen* għall-*Lifemark,* li kien **investiment għal 5 snin sal-2013**. Kompla li hu u martu ma kellhomx esperjenza f'investimenti kumplessi iżda l-*advisors* tal-appellanti qatt ma staqsewh xejn fir-rigward. Inoltré, ħadu ħsieb jinfurmaw l-*advisors* li l-attitudni għar-riskju tagħhom kienet kawta u li l-insistenza tal-appellanti sabiex isir l-investiment fil-Lifemark kien biss biex huma jaqalgħu *commissions* għaliex l-investiment fl-*Aberdeen* qatt ma mar '*bust'* u għadu sal-lum iħallas interessi regolari mingħajr telf ta' kapital. Żied li l-ebda rappreżentant tal-appellanti qatt ma ltaqa' ma martu aħseb u ara kemm sar *assessment* tagħha. Jgħid li l-firem tagħhom fuq id-dikjarazzjonijiet meħuda mill-appellanti ttieħdu b'qerq u l-kontenut tal-istess huwa inveritjier. Qal ukoll li mhux minnu li s-servizz provdut ma kienx wieħed *advisory* u jisħaq ukoll li ma ngħatatlilhomx kopja tad-dokumenti li ffirmaw u lanqas tal-*brochure*, tal-prospett u tal-*annual report* tal-prodott. *Management charges* ma ġewx spjegati lilhom u ma ngħatawx *tariff sheet*. Iżid ukoll li huwa ingħata l-parir jinvesti f'dak il-prodott minn John Caruana, li ma kienx awtorizzat mill-MFSA jagħti *advisory services* meta inbiegħ lilu l-investiment u li la hu u lanqas martu qatt ma ltaqgħu ma' Erica Caruana jew John Rusher li ffirmaw id-dokumentazzjoni relattiva f' isem is-soċjetà appellanti. F'Marzu u April 2010 rċevew imbagħad żewġ ittri mingħand l-appellanti permezz ta' liema ġew infurmati li l-imgħax kien ġie sospiż u li l-KPMG appuntat bħala amministratur proviżorju iżda meta huwa ċempel lill-appellanti infurmawh li l-kumpannija ma fallietx u kien se jsir *restructuring plan*. Għalhekk ma ħass li kellu għalfejn jieħu l-ebda azzjoni. Kien biss f'April tal-2011 li huwa ġie nfurmat mill-appellanti li mhux se jsiru aktar pagamenti u kien f'dak il-punt li ddeċieda jagħmel ilment. Aktar tard, fl-4 ta' Mejju 2013, ġie avżat formalment li l-prodott kien falla u li huwa ma kienx se jieħu aktar minn

12% u 14% tal-kapital investit. **Effettivament, minn £20,000 irkupra biss is-somma ta' £3,220 (16.1% tal-valur investit)**. Kien għalhekk li kompla jilmenta mal-appellanti iżda peress li din tal-aħħar ma tatux raġun ressaq ilment mal-MFSA fit-3 ta' Ġunju 2013. Jgħid li hekk kif jirriżulta mill-konklużjonijiet tal-MFSA u awtoritajiet oħra, li l-*Keydata Lifemark Secure Income Bond* huwa investiment kumpless u ta' riskju għoli u għalhekk ma kienx *suitable* għalih u għal martu. Abbażi tal-fatt li sabet li dan kien każ ta' *misselling,* l-MFSA irrakkomandat lill-appellanti tqegħdu fil-posizzjoni li kien fiha qabel, kemm għal dak li jirrigwarda kapital kif ukoll interessi mitlufa. Minkejja dan, l-appellanti rrifjutat. Huwa pproċeda għalhekk billi preżenta protest ġudizzjarju fl-14 ta' Jannar 2016 li ġie notifikat lill-appellanti fl-20 ta' Jannar 2016. Talab għalhekk lill-Arbitru:

1. Jiddikjara li l-ilment sottomess kontra s-soċjetà intimata jikkostitwixxi każ fejn din ta' l-aħħar ma mxietx fl-aħjar interessi tiegħu, kif ukoll naqset mill-obbligi fiduċjarji tagħha inkluż l-obbligu naxxenti mill-artikoli 1124A u 1124B tal-Kodiċi Ċivili meta, tat lilu u l-martu parir jinvestu fil-*Keydata Lifemark Secure Income Bond Issue 3 GBP – Q1* għall-valur ta' Liri Sterlini 20,000 fit-12 ta' Settembru 2008;

2. Jiddikjara li l-istess komportament tal-intimata jikkostitwixxi *investment misselling* peress li l-investiment *Keydata Lifemark SIB* ma setgħax jiġi kkunsidrat bħala li huwa idonju u adattat għalih u għal martu stante li: (i) ma kienx konsistenti u kompatibbli maċ-ċirkostanzi personali, l-objettivi finanzjarji u l-attitudni ta' riskju tagħhom u kien imur oltré l-*loss absorption capacity* tagħhom; (ii) l-investiment rakkomandat ma kienx in linea mat-tgħarif u l-esperjenza fl-investimenti tiegħu u ta' martu b'dan illi ma setgħux jifhmu r-riskji nvoluti u jieħdu deċiżjoni nfurmata; (iii) l-investiment rakkomandat kien intiż għal investituri ta' esperjenza u għalghekk hu u martu ma kienux eliġibbli biex jinvestu fih; (iv) b' mod negliġenti ġie preżentat bħala *low risk* meta filfatt huwa investiment kumpless u ta' riskju għoli; (v) l-ebda rappreżentant tal-appellanti ma ltaqa ma' martu *qua* investitriċi; (vi) John Caruana ma kellux l-awtorizzazzjoni mill-MFSA jagħtihom parir filwaqt li John Rusher u Erica Caruana li ffirmaw id-dokumenti qatt ma ltaqgħu miegħu jew ma martu;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimata tiġi ordnata tikkumpensah bit-telf kapitali flimkien mal-imgħax;

4. Jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimata tiġi ordnata tħallas imgħax raġonevoli u ġusta bir-rata ta' 5.01% bejn it-12 ta' Settembru 2008 sat-22 ta' Diċembru 2015 u bir-rata ta' 8% mit-23 ta' Diċembru 2015 sal-ġurnata tal-ħlas effettiv u jew kif l-Arbitru jidhirlu xieraq u opportun;

5. Jiddikjara u jiddeċiedi li simultanjament mal-pagamenti tal-kapital u l-imgħax, l-ilmentatur għandu jitrasferixxi t-titolu legali u benefiċjali fl-investiment in kwistjoni lill-intimata flimkien ma surroga favur u a benefiċċju tal-istess soċjetà tad-drittijiet kollha residwi fl-istess investiment, inkluż id-drittijiet litiġjużi u dawk akkwistati b'operazzjoni tal-liġi, kuntratt jew kwalsiasi mod ieħor.

2.2. Il-provditur tas-servizz, filwaqt li elenkat il-fatti riżultanti lilha, wieġbet[1] permezz tas-segwenti eċċezzjonijiet li ngħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

2.2.1. <u>In linea preliminari</u>:

- Angelo Zahra għandu jipprova l-interess ġuridiku neċessarju billi jipprova li tabilħaqq huwa l-eredi ta' martu Josephine Zahra;

- inkawntu t-talbiet tal-ilmentatur huma bbażati fuq responsabbiltà kuntrattwali, l-istess huma preskritti a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; u

- inkawntu t-talbiet tal-ilmentatur huma bbażati fuq responsabbiltà extra kuntrattwali, l-istess huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2.2.2. <u>Fil-mertu</u> wieġbet illi:

- l-ewwel talba hija nfondata in kwantu mxiet fl-aħjar interessi tal-klijenti tagħha u ma naqsitx mill-obbligi tagħha meta bħala intermedjarja biegħetilhom il-prodott finanzjarju in kwistjoni;

- it-tieni talba tal-ilmentaturi hija ukoll infondata in kwantu, kuntrarjament għal dak allegat, l-investiment in kwistjoni inbiegħ fuq bażi ta' *promote and sell* u tiċħad li l-komportament

[1] Fol. 243

tagħha jikkostitwixxi *investment misselling* u *unsuitable advice*. Tisħaq li fil-mument tal-bejgħ, skont l-informazzjoni li hija kellha dwar il-prodott u l-informazzjoni li l-ilmentatur u martu tawha dwarhom, l-investiment seta' jinbiegħ lilhom. Tgħid inoltré li skont id-dokumenti minnhom iffirmati, l-ilmentatur u martu kellhom l-esperjenza u t-tagħrif neċessarju sabiex jifhmu r-riskji relatati mal-investiment in kwistjoni. Tiċħad li hija rrakkomandatilhom l-investiment b'mod negliġenti u li meta sar l-investiment dan kien meqjus ta' riskju għoli u mhux *low risk*. Iżżid li l-fatt li l-prodott seta' kellu xi aspetti kumplessi ma jfissrix li dan ma setgħax jinbiegħ lill-ilmentatur u martu a bażi tal-*appropriateness test* li saret mir-rappreżentanti tagħha skont ir-regoli viġenti fiż-żmien in kwistjoni;

- it-talbiet 3, 4 u 5 huma ukoll infondati in kwantu hija mhix responsabbli għal ebda telf / dannu / reintegrazzjoni versu l-ilmentaturi; u

- it-talba għall-imgħaxijiet hija nfondata stante: (i) la l-kapital u lanqas l-imgħaxijiet ma kienu garantiti mill-intimata; (ii) l-ilmentatur u martu għamlu l-investiment *de quo* f' Lulju tal-2008 qabel l-akbar kriżi finanzjarja mis-snin 1930 b' dan illi l-ilmentatur ma jistax jassumi li kieku hu u martu nvestew flushom f' investiment ieħor il-kapital tagħhom kien se jibqa' sħiħ u/jew jaqilgħu imgħaxijiet għaż-żmien kollu tal-investiment tagħhom kif sostnut minnu.

2.3. B' sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 2017, l-Abitru ddeċieda kif ġej:

***'L-Eccezzjoni dwar interess guridiku***

*Angelo Zahra qed jaghmel dan l-ilment ghaliex ihoss li inghata parir hazin u l-investiment li l-provditur tas-servizz gieghlu jinvesti fih kien prodott finanzjarju li ma kienx jghodd ghalih u ghalhekk qed ifittex kumpens finanzjarju. Fl-ilment tieghu jghid li martu mietet fis-17 ta' Mejju 2010, u huwa l-eredi universali taghha. L-evidenza li pproduca l-ilmentatur ma giet bl-ebda mod kontradetta u l-Arbitru qed jaccettaha.*

*Galadarba l-ilmentatur qed jaghmel talba ta' flus u huwa l-werriet ta' martu ghal kull sehem li seta' kellha fl-investiment de quo, jidher bl-aktar mod evidenti li ghandu interess guridiku. Il-Qrati taghna stabbilew li anke meta persuna jkollha interess morali ukoll jista' jkollha interess guridiku.*

*Ghalhekk l-Arbitru jhoss li Angelo Zahra ghandu l-interess guridiku mehtieg biex ikun jista' jaghmel l-ilment u din l-eccezzjoni ser tigi michuda.*

***L-Eccezzjoni tal-preskrizzjoni***

*Il-provditur tas-servizz jaghti zewg eccezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni, wahda ibbazata fuq l-Artikolu 2153 u l-ohra a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.*

*L-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili hija l-preskrizzjoni li tapplika meta, 'L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.' Din l-azzjoni tapplika biss ghal danni illi ma johorgux minn relazzjoni kuntrattwali.*

*Huwa evidenti li r-relazzjoni bejn l-ilmentatur u l-provditur ta' servizz hija ta' natura kummercjali u bbazata fuq relazzjoni kuntrattwali. Il-provditur tas-servizz ta servizz bi hlas lill-ilmentatur u din ir-relazzjoni hija wkoll regolata bil-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta peress li hija relazzjoni bejn konsumatur u, f'dan il-kaz, provditur ta' servizz fl-investiment.*

*Il-provditur offra servizz kummercjali lill-ilmentatur bi hlas u zgur li din it-tranzazzjoni holqot rabta kuntrattwali bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz. Ghalhekk, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin kif johrog mill-Artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili.*

*Mill-fatti tal-kaz johrog li t-tranzazzjoni sehhet formalment bil-Purchase Contract Note datata it-12 ta' Settembru 2008.*

*Meta tkun qed tigi eccepita l-preskrizzjoni din trid tigi ippruvata minn min jallegaha u f'dan il-kaz mill-provditur tas-servizz.*

*…*

*Irid jipprova wkoll id-data ta' minn meta jibda ghaddej il-perjodu preskrittiv …*

*Il-provditur jghid illi l-perjodu preskrittiv ghandu jibda jghodd mid-data ta' minn meta inghata s-servizz u, cioe`, fis-16 ta' Lulju 2008, 'meta inghata s-servizz f'dik id-data.'*

*L-Arbitru ma jaqbilx ma' dan l-argument ghaliex mhux mistenni li min jixtri prodott finanzjarju, l-ghada jmur jaghmel protest gudizzjarju, jew ittra ufficjali, biex jinterrompi l-preskrizzjoni meta jkun ghadu lanqas biss jaf jekk il-parir li inghata kienx tajjeb jew le.*

*F'dan il-qasam tas-servizzi finanzjarji, il-konsumatur ikun, hafna drabi, nieqes mit-taghrif dwar dan il-qasam specjalizzat, u huwa biss il-provditur li fid-data tat-tranzazzjoni jkun f'qaghda li jevalwa s-sitwazzjoni ghaliex huwa l-espert f'din il-materja. L-ilmentatur ikun biss f'qaghda li jiehu azzjoni, minn meta tavvera s-sitwazzjoni li imbaghad iggieghlu jinduna jekk is-servizz li kien inghata kienx tajjeb jew le. U dan normalment isehh minn meta jigi infurmat li l-prodott ma jkunx hadem kif gie mwieghed.*

*Allura jsegwi li l-ilmentatur irid jiehu azzjoni minn meta jkollu fatti bizzejjed biex jinduna li l-provditur ma kienx onora l-obbligazzjonijiet tieghu.*

*L-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili huwa car li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata. Ma jistax ikun, kif qed*

*jallega l-provditur, li l-azzjoni setghet tigi ezercitata minn dakinhar li inghata s-servizz.*

*Il-fatti ta' dan il-kaz juru li l-ilmentatur gie infurmat mill-provditur tas-servizz fil-5 t'April 2011, li l-prodott tal-Keydata kellu problemi serji u li l-pagamenti kollha tal-principal kienu se jkunu sospizi u, 'Dan ifisser li ebda avviz iehor mhu se jinhareg fir-rigward tan-nuqqas ta' pagament tal-principal tax-xahar li ghadda u ta' nuqqas ta' pagamenti fil-gejjieni.'*

*L-ilmentatur ilmenta mal-provditur u ghamel protest gudizzjarju fl-14 ta' Jannar 2016. B'dan il-mod, il-preskrizzjoni ta' hames snin mill-5 ta' April 2011, (id-data ta' minn meta l-ilmentatur seta' jaghmel l-azzjoni), giet interrotta u l-perjodu tal-preskrizzjoni rega' beda jghodd mill-15 ta' Jannar 2016.*

*L-ilment quddiem l-Arbitru sar fit-28 ta' Lulju 2016, u ghalhekk l-azzjoni tal-ilmentatur ma lahqitx saret preskritta.*

*Kif inghad, min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jrid jippruvaha u, anke f'kaz ta' dubju, il-gudikatur irid jichad l-eccezzjoni.*

*Il-provditur tas-servizz ma ppruvax l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*Ghar-ragunijiet moghtija, l-eccezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni qeghdin jigu michuda.*

***Fil-Mertu***

*...*

*Li l-ilmentatur qieghed jghid, fi ftit kliem, illi huwa inghata parir hazin meta rapprezentant tal-provditur tas-servizz heggu johrog minn investiment li kien sejjer tajjeb, (u ghadu sejjer tajjeb sa llum), sabiex jidhol fi prodott kumpless u ta' riskju gholi u, cioe`, il-Keydata Lifemark SIB (fil-qosor l-SIB).*

*...*

*L-allegazzjoni principali li qed iqajjem l-ilmentatur huwa dak li mieghu sar misselling meta inbieghlu prodott kumpless u ta' riskju gholi mill-provditur tas-servizz f'cirkostanzi fejn l-ilmentatur u martu ma kellhom l-ebda esperjenza f'xi investiment kumpless bhalma huwa l-prodott odjern u, cioe`, l-SIB Keydata Lifemark Secure Income Bond (fil-qosor SIB).*

*...*

*....l-Arbitru, filwaqt li qieghed jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-provditur tas-servizz, qed jilqa' l-ilment billi jordna lill-provditur tas-servizz u, cioe`, lill-GlobalCapital Financial Management Limited thallas lill-ilmentatur is-somma ta' sittax-il elf, seba' mija u tmenin Liri Sterlini (£16,780), li tirrapprezenta l-kapital ta' ghoxrin elf Liri Sterlini (£20,000), li investa l-ilmentatur imnaqqsa minnu l-ammont ta' tlett elef, mitejn u ghoxrin Liri Sterlini (£3,220) li gie rikavat mill-ilmentatur.*

*Billi din it-tranzazzjoni tellfet lill-ilmentatur milli jinvesti flusu x'imkien iehor, (opportunity loss), l-Arbitru qed jikkoncedi l-imghax kif gej.*

*Huwa diffiċli li l-Arbitru jpoġġi b'mod preċiż lill-ilmentatur fil-pożizzjoni fejn seta' kien kieku ma nvestiex fl-SIB, peró meta qies il-profil tar-riskju tal-ilmentatur u fejn seta' investa dak iż-żmien, iħoss li r-rata ta' imgħax ta' 5% fis-sena tkun waħda ġusta.*

*Dan l-imgħax għandu jgħodd fuq il-kumpens mogħti f'din id-deċiżjoni mid-data tal-investiment, jiġifieri mit-12 ta' Settembru, 2008, sad-data tal-effettiv pagament.*

*L-ispejjeż ta' dan il-każ għandhom ikunu a kariku tal-provditur tas-servizz.'*

3. Mid-deċiżjoni appellat il-provditur tas-servizz. L-aggravji huma:-

i. L-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji applika ħażin il-liġi tal-preskrizzjoni u qies b'mod ugwalment żbaljat meta t-termini għandhom jibdew jiddekorru b'dan li l-azzjoni odjerna kellha tiġi dikjarata preskritta u hija liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

ii. L-Arbitru naqas milli jqis l-eċċezzjoni numru 7 tagħha, u ċioé l-effett tal-kriżi finanzjarja dinjija li faqqgħet ftit ġranet wara li l-investiment ġie akkwistat u li dan effettivament jikkostitwixxi *casus*;

iii. Irrispettivament minn kwalunkwe ksur regolatorju li seta' ġie ravviżat, l-Arbitru naqas milli jindaga x'kien in-ness kawżali għat-telf lamentat mill-ilmentatur appellat u jekk tali telf effettivament seħħx minħabba tort imputabbli lilha;

iv. Anke kieku kellu jirriżulta xi ksur regolatorju, ir-rimedju mogħti mill-Arbitru ma kellux jinkorpora ħlas favur l-ilmentatur appellat konsistenti f' dak effettivament mitluf minnu;

v. Fil-mertu, il-konklużjoni tal-Arbitru hija bbażata fuq apprezzament ħażin tal-fatti u l-provi miġjuba quddiemu;

vi. Illi huwa ċar li d-deliberazzjonijiet tal-Arbitru inkludew apprezzament ta' dokumenti li l-esponenti kienet talbet l-isfilz tagħhom mill-istadju bikri tal-każ, fir-risposta tagħha, u saħansitra oralment waqt is-smiegħ tal-proċeduri, u liema talba la ġiet permessa li tiġi verbalizzata u li ġiet daqstant oralment miċħuda, u mingħajr l-ebda eżitu bil-miktub, liema kunsiderazzjonijiet kienu ta' preġudizzju għas-smiegħ u d-deċide tal-każ; u

vii. L-imgħax ma kellux jibda jiddekorri minn meta ngħata s-servizz, kif deċiż.

4. L-appellat wieġeb li d-deċiżjoni tal-Arbitru għandha tiġi kkonfermata filwaqt li l-appell tas-soċjetà appellanti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

5. Permezz ta' rikors preżentat 15 t' April 2019, l-aħwa Joseph Zahra (K.I) u Miriam Vella (K.I. 0012463M), wlied l-appellat u Josephine Zahra li kienet mietet fis-17 ta' Mejju 2013, talbu il-leġittimazzjoni tal-atti stante l-mewt tal-appellat fis-16 t' Ottubru 2018. Bħala eredi tal-ġenituri tagħhom fi kwoti ugwali, talbu t-trasfużjoni tal-atti tal-kawża f' isimhom.

6. Fis-7 ta' Mejju 2019, il-Qorti laqgħet it-talba surriferita għall-korrezzjoni fis-sens li isimhom għandu jiġi nkluż fl-okkju bħala werrieta.

7. A tenur tad-digriet ta' din il-Qorti tal-10 t' April 2019, l-appellati spjegaw b' mod konċiż il-punti saljenti tat-tweġiba tagħhom permezz ta' nota.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>:**

**L-Ewwel Aggravju**

8. Permess tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti tilmenta li l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji applika ħażin il-liġi tal-preskrizzjoni u qies b' mod ugwalment żbaljat meta t-termini għandhom jibdew jiddekorru b'dan li l-azzjoni odjerna kellha tiġi dikjarata preskritta u hija liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

9. Is-sunt tal-kunsiderazzjonijiet tal-Arbitru fir-rigward tal-eċċezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni diġa ġie espost aktar 'l fuq. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti mhux se terġa tirriproduċi l-istess hawnhekk iżda tagħmel referenza għall-punt 2.3 ta' din is-sentenza.

10. L-appellanti tgħid iżda li t-talbiet tal-ilmentatur, in kwantu bbażati fuq allegat aġir da parti tagħha u ksur ta' liġi fil-mument li fih sar il-bejgħ tal-investiment lilu u lil martu, jirreferu għal responsabbilità extra kuntrattwali / kulpa akwiljana u għalhekk huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Tinsisti li a tenur tal-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, is-sentejn sabiex jippromwovu l-azzjoni odjerna huma dekorribbli minn l-imsemmija data meta allegatament sar il-*misselling*. F' dan il-kuntest l-appellanti tirreferi għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet ***Malcolm Harwood vs Joseph Aquilina et*** u targumenta ulterjorment li fil-mument meta akkwista l-investiment, l-appellat kien jaf li l-mara tiegħu ma kinitx preżenti għal-laqa' mar-

rappreżentant tagħha liema '*affarijiet minnhom qed jilmenta*'. L-appellanti tissottometti li '*tenut kont kif l-ewwel żewġ talbiet ta' l-ilmentatur appellat huma marbutin espressament mad-data meta ngħata s-servizz lmentat, u ċioe **fis-16 ta' Lulju 2008**, u tenut kont illi l-allegata negliġenza, jew ksur regolatorju, seħħet f' dak il-mument, iżjed u iżjed meta l-ilmentatur appellat jakkuża lill-esponenti li għamel dan kollu biex jikkonvinċi lill-ilmentatur appellat jidħol għall-investiment, kif stabbilit mill-Arbitru, kwalunkwé terminu preskrittiv bilfors irid jibda jiddekorri mid-data li ngħata s-servizz lmentat u ċioé mis-16 ta' Lulju 2008*'. Tikkonkludi għalhekk li l-azzjoni odjerna hija preskritta stante li għaddew sia t-terminu ta' sentejn u anké tal-ħames snin.

11. L-artikolu 19(3) tal-Kap. 555 jipprovdi illi:

> '*Fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1), **l-Arbitru għandu**:*
>
> *...*
>
> *(e) **jittratta kull mistoqsija dwar preskrizzjoni skont il-liġi**:*
>
> *Iżda l-provditur ta' servizzi finanzjarji jista' jqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni biss fl-ewwel sottomissjonijiet bil-miktub li huwa provdut dwarhom fl-artikolu 22(3)(ċ) sakemm majkunx awtorizzat mod ieħor mill-Arbitru li għandu jagħti r-raġunijiet għal dik l-awtorizzazzjoni:*
>
> *Iżda wkoll l-Arbitru ma jkunx intitolat li jqajjem il-kwistjoni tal-preskrizzjoni minn jeddu:*
>
> *Iżda wkoll xejn f'dan l-Att ma għandu jinftiehem bħala li qed jagħti xi setgħa lill-Arbitru li jagħti deċiżjoni dwar talba li tkun waqgħet bi preskrizzjoni skont il-liġi meta l-parti investigata tqajjem eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.'*

12. Imiss issa jiġu kkunsidrati l-artikoli tal-liġi li fuqhom huwa bbażat dan l-aggravju. Id-disposizzjonijiet rilevanti fil-Kodiċi Ċivili huma s-segwenti:

> '***2153**. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b' reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' **sentejn**.'*
>
> '***2156**. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjonibl-egħluq ta' **ħames snin**:*
>
> *...*
>
> *(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;'*
>
> '***2137**. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss'.*

13. In linea ta' prinċipji ġenerali ssir riferenza għas-sentenza parzjali tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet, ***Pace Mario Vs Corinthia Palace Hotel Company Limited Et*** tat-13 ta' Ġunju 2013:

*'Hu ribadit fil-gurisprudenza taghna li ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghaddanni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-**art.2154(1)** talKap.16); (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - principju rifless fl-**artikolu 2153** tal-Kodici Civili; u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin;*

*Hu ghalhekk pacifiku li illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-**Artikolu 2153**, tal-Kodici Civili tikkolpixxi "l' azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" (**Kollez. Vol. XXVIII P I p 726**).*

*Illi, ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali (Ara per ez. "**Calafato vs Muscat**", deciza fil-5 ta' Frar, 1895 (Vol. XV.44); "**Naudi vs Zammit**", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 1925 (Vol. XXVI.I.54), "**Calleja vs Xuereb**", deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 1982). Fil-kawza "**Borda vs Arrigo Group of Hotels et**", deciza minn din ilQorti fil-15 ta' Jannar, 1999, gie konfermat li l-preskrizzjoni applikabbli tkun ta' hames snin jekk id-danni huma rizultat ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni.*

*Il-kwistjoni in ezami hija jekk il-kolpa fil-kaz prezenti kinetx kontrattwali jew extra - kontrattwali / aquiliana naxxenti mid-delitt jew kwazi delitt.*

*L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "**Joseph Busuttil v Emmanuel Schembri**" deciza fid-19 ta' Frar 1954 per Sir. Luigi Camilleri, irriteniet li wiehed mill-kriterji sabiex jigi deciz jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiliana, vwoldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiliana <u>biss</u> meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali." (enfasi ta' din il-Qorti.) Din il-Qorti irriteniet li fatt ta' negligenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun non factum jew anke male factum ma tistax tkun kolpa aquiliana imma damnum injuria datum li jista' isir fl-okkazzjoni ta' kuntratt. Il-Qorti ccitat Laurent li jghallem "Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi delitto interessa la sicurezza delle persone.... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario."*

*...*

*Hu ammess il-konkors bejn ir-responsabbilita' kontrattwali u dik extra kontrattwali. Kif gie deciz fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**Vassallo vs Mizzi et**", deciza fid-9 ta' April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi "l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li*

*minnu titnissel 'ex nunc'. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skont il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad."*

*Ukoll fil-kaz fl-ismijiet "**Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et.**" (deciza fit-18 ta' April 1963 – (Vol. XLVII.III.1110) gie deciz li "ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita' kontrattwali u htija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kwazidelitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha zewg azzjonijiet – dik nascenti minn htija contrattuale u dik nascenti minn htija extra contrattuale."*

*Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. B'hekk ir-responsabbilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skont il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti.*

*L-awtur **Andrea Torrente** jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' extra contrattuale. Din ic-citazzjoni hija citata f'diversi sentenzi recenti tal-Qrati taghna u, ghall-iktar carezza, qed tigi hawnhekk abbraccjata wkoll minn din il-Qorti:*

*"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti". L-awtur jispjega li fl-ambitu tar-responsabbilita' "extra contrattuale ... un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno."'*

14. Issir referenza ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Darmanin Kissaun Roland Vs Globalcapital Financial Management Limited,*** tad-29 ta' Marzu 2009:

*'Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, din il-Qorti taqbel ma' dak deciz mill-ewwel Qorti li din il-kawza ma hijiex wahda aquiliana. Hu car li l-azzjoni attrici hija bazata fuq kuntratt u ksur tal-istess daparti tas-socjeta` konvenuta. L-attur avvicina lis-socjeta` konvenuta biex jiehu parir dwar kif jinvesti flusu bi qligh ghalih, u hekk kif is-socjeta` konvenuta accettat li taqdi lill-attur u toffrilu s-servizzi professjonali taghha, hija dahlet f'relazzjoni kuntrattwali mal-attur, b'obbligu li ssegwi d-dmirijiet legali u fiducjarji imposti fuqha u li jemergu mill-kuntratt ta' din ix-xorta. Dak li qed ikun allegat huwa inadempjenza ta' obbligazzjoni, u allura il-preskrizzjoni tal-azzjoni ma hijiex dik ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 (ara "Naudi v. Zammit", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 1925) (Kollez. Vol. XXVI.i.54). **Dak li qed jigi allegat li sehh mhux indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali li inholoq bejn il-partijiet, u t-talba ghad-danni hija meqjusa mhux biss meta jkun hemm agir delitjuz, izda anke u aktar meta jigi allegat agir bi ksur ta' kuntratt**. [2]*

[2] Enfażi ta' din il-Qorti.

15. L-ilment tal-appellat huwa bbażat fuq il-fatt li sofra telf f'investiment li għamel fuq insistenza ta' John Caruana li kien ir-rappreżentant tal-appellanti, meta ġie likwidat parti minn investiment ieħor u sar investiment fil-prodott Lifemark. L-appellati jsostnu li dak il-prodott ma kienx adattat għalihom u kien ferm aktar riskjuż minn dak spjegat lilu minn John Caruana, u li kien l-uniku uffiċjal tal-appellanti li qatt iltaqa' miegħu. Fil-każ ta' martu, l-appellant jilmenta li qatt ma marret l-uffiċċju tal-appellanti u lanqas qatt tkellmet ma' xi rappreżentant tagħha. Meta l-appellanti kien ikollhom bżonn il-firma tagħha kienu jitolbuh jieħu ħsieb jitlobha tiffirma fejn ikun markat b'salib. Jilmenta li qatt ma ġew spjegati lilhom id-dokumenti li ffirmaw. L-appellat ċaħad ukoll li huwa jew martu qatt iltaqgħu ma' Erica Caruana li ffirmat id-dokumenti f'isem is-soċjetà l-appellanti. L-appellat ilmenta li dan kollu sar bi ksur tal-obbligi u d-doveri tal-appellanti *qua* kumpannija liċenzjata mill-MFSA li kellha d-dover tħares l-interessi tal-klijenti tagħha u mhux tħeġġeġ li jagħmlu investiment kontra l-interessi tagħhom biex tieħu l-*commissions* minn fuqhom.

16. Applikati l-prinċipji surriferiti għall-fatti tal-każ odjern, **din il-Qorti tqis li l-ilment tal-appellat ma jistax jitqies indipendenti u awtonomu mir-rapport kuntrattwali bejn il-partijiet.** Għal din ir-raġuni, din il-Qorti hija tal-fehma li <u>mhux applikabbli l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16</u>.

17. Jonqos għalhekk jiġi stabbilit jekk l-azzjoni odjerna hijiex preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili u li l-appellanti ukoll għamlet riferenza għalih.

18. L-appellat ma kkontestax li dik id-disposizzjoni tapplika għall-każ in eżami. Dak li hu kontestat hu minn meta bdew igħaddu l-ħames snin. F' dan il-kuntest issir riferenza għall-artikolu 2137 li jipprovdi li l-preskrizzjoni tibda minn dakinhar li *'din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata'.* F'dan il-każ hi l-azzjoni għall-ħlas tal-kreditu li għaliha tapplika preskrizzjoni ta' ħames snin (ara artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili). Ovvjament l-azzjoni hi għall-kumpens li jista' jagħti l-Arbitru skont l-artikolu 26(3)(iv) tal-Kap. 555.

19. In linea ta' prinċipji ġenerali fir-rigward ta' dan il-punt, din il-Qorti tagħmel riferenza għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla Ċivili (mhux appellata) fl-ismijiet ***Axisa Karen Vs Vella James Et*** deċiża fit-28 ta' Ġunju 2017:-

> *'Il-ħarsien ta' din ir-regola hu wieħed bażiku, tant li huwa dottrinalment aċċettat li l-impossibilità li wieħed jaġixxi trid tkun impossibilità indipendenti mir-rieda ta' dak li jkun, dovuta għal kawża barranija minnu, li huwa ma setax iwarrab;*
>
> *Illi dan il-prinċipju jinbena fuq il-massima li actione non natae non praescribitur. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li "Quanto alla*

*prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere…". U band'oħra jżidu jgħidu illi* ***"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale";***[3]

*Illi, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita;*

*Illi min-naħa l-oħra, ladarba tkun stabbilita d-data li minnha 'l quddiem tnisslet il-ħsara u beda għaddej iż-żmien preskrittiv, iċ-ċirkostanza dwar jekk il-parti mġarrba kenitx taf jew le li dik il-ġrajja seħħet ma tkunx rilevanti biex il-Qorti tqis jekk dak iż-żmien għaddiex jew għalaqx. Dan jingħad għaliex, fid-dawl tat-tagħlim imsemmi hawn fuq, "Hu risaput illi ddies a quo tal-preskrizzjoni jibda jgħodd minn meta ssir il-ħsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-ħsara. Fil-kawża* ***Xuereb v Agius****, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih". It-test huwa wieħed oġġettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-ħsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża* ***Mohnani v. Stivala****, deċiża fil-11 ta' Ġunju, 2010, qalet: "…….. jibda biex jiġi reġistrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodiċi Ċivili, "bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak innhar li din l-azzjoni tista' tigi ezerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u ċioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni" ("****Raphel Micallef -vs Anthony Agius****", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbagħad, "iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("****Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo****", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Jannar 1953")";*

*Illi, minkejja dan, tibqa' dejjem tgħodd ir-regola li l-parti li tqanqal leċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tippruvaha kif imiss u li, f'każ ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti. Minbarra dan, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-azzjoni attriċi għandha tiġi miċħuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita;'*

20. L-appellanti rreferiet ukoll għas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Jannar 2003, ***Malcolm Harwood vs Joseph Aquilina et*** fejn il-qorti qalet li l-preskrizzjoni bdiet tgħadd minn meta x-xogħlijiet tal-appalt tlestew.

21. Fatti li huma rilevanti għall-finijiet tal-ewwel aggravju huma:

   i. Il-parir ingħata fis-16 ta' Lulju, 2008;
   ii. L-akkwist fil-prodott Lifemark sar fit-12 ta' Settembru, 2008;

---

[3] Enfażi ta' din il-Qorti.

iii. F'Marzu u April 2010 l-appellat irċieva avviżi li kien ġie sospiż il-ħlas tal-imgħax u li kien qiegħed isir eżerċizzju ta' ristrutturazzjoni tal-investiment;

iv. L-appellat irċieva cirkolari mingħand l-appellanti u datata 5 ta' April, 2011,[4] li fiha jingħad li kien ġie sospiż il-ħlas tal-prinċipal fuq il-Bonds kollha u b'hekk ser *".... ser tħares il-valur tal-portafoll, u b'hekk ikunu qed jiġu mħarsa wkoll l-interessi tal-azzjonisti tal-Bonds".* Fiha jingħad li l-issuer kienu għadu qiegħed jaħdem fuq pjan ta' ristrutturar u li kien beħsiebu jħabbar il-proposta fid-dettall. Dan ifisser li sa dak iż-żmien l-appellanti kienet qegħda tittama lill-appellat li ma kienx intilef il-kapital li nvesta.

v. **B'avviż tal-14 ta' Mejju, 2013 l-bondholders ingħataw *update* tal-prodott Lifemark**. Fih jingħad li fid-19 ta' Settembru, 2012 kien beda proċess ta' infurzar.

vi. Fl-14 ta' Jannar, 2016 l-appellat ippreżenta protest ġudizzjarju kontra l-appellanti u sejħilha sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minħabba l-mod kif qdiet id-dmirijiet tagħha;

vii. Fit-28 ta' Lulju, 2016 l-appellat ippreżenta l-ilment tiegħu quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji.

22. Il-qorti ma taqbilx mal-appellanti li l-preskrizzjoni bdiet tgħaddi mid-data li tat il-parir lill-appellat sabiex jinvesti fil-Lifemark. F'dak l-istadju l-konjuġi Zahra kienu għadhom ma sofrew l-ebda preġudizzju fil-patrimonju tagħhom. L-investiment seta' mar tajjeb jew mar ħażin. Hu veru li kien hemm żmien meta l-valur tal-investiment beda nieżel. Pero' hu evidenti li kien għad m'hemm xejn ċert. **L-investiment kien għadu ma mmaturax**, u fl-avviżi li ntbagħatu lill-appellati intqal li kienu nfurmati li l-*issuer* kien fil-proċess li jagħmel *restructuring plan* u dettalji kienu ser jitħabbru iktar 'il quddiem. Għalhekk żgur li sa dak iż-żmien ma kienx ċert li l-appellati sofrew preġudizzju fil-patrimonju tagħhom, fis-sens li ma kinux ser jirċievu lura l-kapital kollu li investew fil-prodott li l-appellanti tathom parir sabiex jinvestu fih.

23. Mill-provi li tressqu l-iktar kmieni li wieħed jista' forsi jgħid li l-appellant sofra t-telf fl-investiment li għamel ma' martu f'Settembru, 2008 kien f'xi żmien wara April, 2011 meta allura kien ġie ddikjarat li l-prodott Lifemark kien falla. Il-preskrizzjoni bdiet tgħaddi minn dak iż-żmien u ġiet interrotta bil-protest ġudizzjarju tal-14 ta' Jannar, 2016. Minn dakinhar il-ħames snin reġgħu bdew igħaddu sakemm fit-28 ta' Lulju, 2016 l-appellat ippreżenta din il-kawża.

24. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

---

[4] Fol. 200.

**It-Tieni Aggravju.**

25. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti tilmenta li l-Arbitru naqas milli jqis l-eċċezzjoni numru 7, u ċioé l-effett tal-kriżi finanzjarja dinjija li ġrat ftit ġranet wara li l-konjuġi Zahra għamlu l-investiment. Ġrajja li fil-fehma tal-appellanti twassal għal *casus*. Tikkontendi li '*fuq din l-eċċezzjoni ma setgħux jinġiebu provi*' u kien fil-mansjoni tal-Arbitru li jindaga fir-rigward. Dan apparti l-fatt, skont l-appellanti, li l-avvenimenti tal-kriżi finanzjarja huma magħrufa għall-pubbliku.

26. Permezz tas-seba' eċċezzjoni, l-appellanti qalet li:

> '*it-talba għall-imgħaxijiet f'punt numru erbgħa (4) tal-ilment tagħhom hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt; Illi apparti l-fatt li la l-kapital u lanqas l-imgħaxijiet ma kienu garantiti mis-soċjetà intimata, jiġi sottomess illi l-ilmentatur għamel l-investiment de quo f' Lulju tal-2008 jiġifieri ftit qabel il-falliment ta' Lehman Brothers fil-15 ta' Settembru 2008 li kompla jitfa' s-swieq finanzjarji fl-akbar kriżi li qatt rat id-dinja mis-snin 1930 'l hawn. Għalhekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiż-żmien in kwistjoni, l-ilmentatur ma jistax jassumu illi kieku hu u martu nvestew flushom f' investiment ieħor il-kapital tagħhom kien ser jibqa sħiħ u/jew li kienu ser jaqilgħu xi imgħaxijiet għaż-żmien kollu tal-investiment tagħhom kif qed isostni l-ilmentatur.*'[5]

27. Jirriżulta għalhekk li dik l-eċċezzjoni ngħatat <u>limitatament</u> fil-kuntest tar-raba' talba tal-konjuġi Zahra, ċjoe' t-talba għall-imgħax fuq is-somma kapitali li investew.[6]

28. Huwa minnu li l-Arbitru ma elaborax speċifikament dwar il-kriżi finanzjarja dinjija '*li faqqgħat ftit ġranet wara*' l-akkwist tal-investiment in kwistjoni, kif allegat mill-appellanti.

29. Għalkemm l-appellanti semmiet il-kriżi finanzjarja tal-2008 fit-tweġiba tagħha, fil-kuntest tal-fatt li ma ressqet l-ebda prova dwar l-allegat *casus*. Il-qorti ma taqbilx li l-Arbitru kellu jagħmel xi investigazzjoni minn jeddu. Il-provi jitressqu mill-partijiet. Mhemmx prova waħda li l-prodott Lifemark falla minħabba l-kriżi finanzjarja.

30. F'kull każ u bla ħsara għal dan, għalkemm il-kriżi finanzjarja hi *public knowledge*, huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li **min jeċċepixxi l-*casus* irid jipprova mhux biss il-każ fortuwitu iżda <u>jrid iressaq ukoll prova li d-</u>**

---

[5] Fol. 244 – 245.
[6] Fol. 30.

**<u>dannu kien inevitabbli u li huwa għamel dak kollu fil-kontroll tiegħu sabiex jiġi evitat id-dannu</u>**.[7]

31. Ladarba l-Arbitru wasal għall-konklużjoni li dan kien każ ta' *misselling*, ossija li l-ħsara li sofra l-appellat u martu <u>kienet konsegwenza ta' nuqqas da parti tal-appellanti</u> li tbiegħ lilu u lil martu prodott adattat għalihom, l-eċċezzjoni m'għandhiex bażi.

32. Bla ħsara għal dan, rigward ir-rata ta' imgħax stabbilita mill-Arbitru, is-sentenza appellata tipprovdi kif ġej:

> *'Huwa difficli li l-Arbitru jpoggi b'mod preciz lill-ilmentatur fil-pozizzjoni fejn seta' kien kieku ma nvestiex fl-SIB, pero` meta qies il-profil tar-riskju tal-ilmentatur u fejn seta' investa dak iz-zmien, ihoss li r-rata ta' imghax ta' 5% fis-sena tkun wahda gusta.'*

33. L-artikolu 26(3)(ċ)(iv) tal-Kap. 555 jipprovdi li:

> *'Jekk l-ilment jinstab totalment jew parzjalment sostanzjat, l-Arbitru jista' jordna lill-provditur tas-servizzi finanzjarji jagħmel waħda jew iżjed minn dawn li ġejjin:*
>
> *...*
>
> *iv) li jħallas ammont ta' kumpens għal kull telf ta' kapital jew dħul jew danni sofferti mill-persunali tagħmel l-ilment minħabba fl-imġiba li fuqha jkun sar l-ilment, mingħajr imgħax jew bl-imgħax, b'dik ir-rata raġonevoli u fil-parametri stabbiliti bil-liġi kif l-Arbitru jista' jiddeċiedi, fuq il-flus kollha jew xi parti mill-flus, u fuq iż-żmien kollu jew xi parti mill-perjodu bejn id-data li fiha l-imġiba li fuqha jkun sar l-ilment tkun bdiet sad-data li fiha jsir il-ħlas;'*

34. In vista tal-provi li ressqu l-appellati,[8] liema provi ma jirriżultawx kontradetti mill-appellanti, ir-rata ta' 5% stabbilita mill-Arbitru ma tidhirx li hi irraġonevoli. L-appellanti ma ressqux argumenti li b'xi mod jistgħu jikkonvinċu mod ieħor lil din il-qorti.

35. Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju.

**It-Tielet u r-Raba' Aggravji.**

36. L-appellanti tilmenta ukoll li rrispettivament minn kwalunkwe ksur regolatorju li seta' ġie ravviżat, l-Arbitru naqas milli jindaga x'kien in-ness kawżali għat-telf

---

[7] ***Joe Caruana v. Philip Chircop & Sons Limited et***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-24 ta' April 2015.
[8] **Dok T** a fol. 197.

lamentat mill-ilmentatur appellat u jekk tali telf effettivament seħħx minħabba tort imputabbli lilha.

37. Permezz tar-raba' aggravju tilmenta mbagħad li anke kieku kellu jirriżulta xi ksur regolatorju, ir-rimedju mogħti mill-Arbitru ma kellux jinkorpora ħlas favur l-ilmentatur appellat konsistenti f' dak effettivament mitluf minnu.

38. Għall-finijiet ta' prattiċità dawn l-aggravji sejrin jiġi trattati f' daqqa.

39. Fl-evalwazzjoni tal-mertu tal-każ, l-Arbitru qal:

*'Dan il-prodott, l-SIB, kien ibbazat fuq negozju fil-pensjonijiet dwar il-hajja fis-suq Amerikan. Dan il-kaz jittratta dwar il-bejgh tal-prodott Keydata International Secure Income Bond, li kif jidher mill-brochure, ippronunzja ruhu bl-aktar mod enfatiku li jaghti qligh ta' 7.5% kull sena fl-isterlina u 7% fis-sena fid-dollaru u l-ewro ghall-perjodu ta' hames snin.*

*Is-Secure Income Bond Fund (SIB) kien investiment tal-kategorija asset-backed securities. Minghajr ma wiehed joqghod jidhol fid-dettal tal-istruttura legali (u kumplikata tieghu), l-SIB kien jinvesti f'bonds (security bonds) li l-assi underlying taghhom kienu poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja ta' individwi Amerikani.*

*Min-natura tieghu dan kien prodott kumpless.*

*Dan il-prodott, fost affarijiet ohra, falla ghaliex l-analizi tal-aspettattiva tal-hajja/ mewt tal-life-assured ma kienetx korretta. Aktar ma wiehed idum haj, aktar irid idum ihallas premium biex il-polza tibqa' hajja inkella titlef fil-valur.*

*Dan johloq problema ta' likwidità biex tkompli ssostni finanzjarjament il-mudell kompost minn diversi poloz ta' assikurazzjoni fuq il-hajja.*

*Dan kien riskju li hafna analisti ma tawx kazu. Imma kien, fil-fatt, aspett importanti hafna. Minhabba l-avvanzi fil-medicina, hafna nies jibqghu jghixu ghal zmien itwal u b'hekk, il-premium irid idum jithallas ghal numru ta' snin aktar.*

***Jekk l-analisti u nies professjonali li kellhom esperjenza biex janalizzaw dawn il-prodotti ma waslux ghal dan, allura lanqas wiehed jistenna li retail investor, bhalma kienu l-ilmentatur u martu, kellhom ikunu f'qaghda li jaghmlu dan.***

***Apparti l-fatt ukoll li l-isem SECURE INCOME BOND jaghti lill-investitur bla esperjenza x'jifhem li l-investiment huwa wiehed sikur u bla riskji, jew riskji baxxi u limitati.***

*Jekk wiehed ihares lejn il-brochure tipiku tal-SIB jara li mal-ewwel faccata, bi prominenza kbira, hemm rati tajba ta' dhul (Annual Income Over 5 Years), ritratt*

*kbir ta' lighthouse (simbolu tas-serhan il-mohh) u b'indikazzjoni ta' x'inhuma l-beneficcji u l-kwalità tal-prodott:*

*'Aims to provide return of capital after 5 years: Bond invests in cash and assets by institutions rated 'A' or better by Standard and Poor's or equivalent; Quarterly income option available'.*

*Ghalkemm fl-istess brochure jissemma li jista' jkun hemm xi riskju ghall-kapital, u jista' jkun hemm xi tnaqqis fl-ahhar, jew jekk tigbed l-investiment qabel, però l-enfasi qieghda fuq il-beneficcji li kien joffri dan il-prodott.*

*Taht it-titolu* ***Benefits at a Glance*** *hemm dan it-test:*

> *> Early investment bonus of 4%*
> *> An investment with NO Stock Market Exposure*
> *> Investing in cash and assets issued by institutionsrated 'A' or better by Standard & Poor's or equivalent*
> *> Available via banks, stockbrokers and direct investment*
> *> Low minimum investment – Only GBP10,000 / USD20,000 / €10,000*
> *> The bond will be listed on the Luxembourg Exchange*
> *> The issue is regulated and authorised by the CSSF the Financial Regulator in Luxembourg*

- *Hemm ukoll dan b'tipa kbira: '**A lower risk profile and a higher level of income allows you to receive the income you need without the worry of stock market falls.**'*

- *Fil-qiegh tal-pagna 9 hemm dan il-kliem: '**Capital is not guaranteed. Like all investments there are certain risks involved which are highlighted within the section 'Key Features"***

*Il-prodott kellu riskji – il-kapital ma kienx garantit, u kif kien se jmur kien pjuttost ibbazat fuq il-performance ta' prodotti ohra simili ta' dak iz-zmien, apparti l-mudelli matematici u l-assumptions li jigu ma' dawn il-mudelli.*

*Dak iz-zmien li nbiegh l-SIB, ma kienx investiment b'riskju baxx. Anzi, kien investiment f'kategorija ta' riskju pjuttost gholi, jekk xejn, ghaliex kien ibbazat, fost affarijiet ohra, fuq assumptions matematici li jistghu ma javverawx ruhhom, kif fil-fatt gara.*

*Dan mhux qed jinghad with the benefit of hindsight, imma ghaliex in-natura tal-prodott – li jinvesti f'bonds li jinvestu f'poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja – u l-istruttura innifisha tal-investiment kienu jaghmlu l-SIB investiment riskjuz li ma kienx addattat ghal retail investors kif kien l-ilmentatur u martu.*

*Meta gie mistoqsi jekk kienx sar due diligence fuq dan il-prodott, Michael Schembri, l-uniku xhud tal-provditur tas-servizz qal:*

*'Dwar il-product due diligence, biex nikkonkludu kienx riskjuz jew le dan il-prodott, nghid li dak iz-zmien ma kontx ghadni impjegat, pero ' sirt naf li sar due diligence imma ma nafx kif sar.'*

*Hawn il-provditur tas-servizz kien evaziv u ma ta l-ebda dettal kif sar, jekk sar, dan id-due diligence tal-prodott.*

*Fi kwalunkwe kaz, kellu jirrizulta, minn due diligence serju, li dan il-prodott ma kienx addattat ghal retail clients bhalma hu l-ilmentatur.*

*Ir-riskji li jissemmew, b'tipa zghira hafna f'pagna 14, ma setghu qatt jigu apprezzati minn investitur retail.*

*Dawn it-tip ta' investimenti huma Asset-Backed Securities u huma prodotti kumplessi u ta' riskju gholi.'*

40. Minn dan hu ċar li l-Arbitru bl-ebda mod ma qal li l-falliment tal-prodott Lifemark kien tort tal-appellanti, li aġixxiet bħala intermedjarju sabiex il-konjuġi Zahra għamlu l-investiment. Inutli għalhekk li l-appellanti tinsisti li ma kinitx hi li ġestiet l-investiment *de quo.* Mill-apprezzament tal-provi, l-Arbitru kkonkluda li l-każ kien wieħed ta' ***misselling***:

41. L-Arbitru kompla jgħid:-

*'Ir-relazzjoni bejn il-provditur tas-servizzi finanzjarji u l-klijent hija, fost affarijiet ohra, regolata sew mid-Direttiva MiFID, kif ukoll mir-regolamenti tal-MFSA, li jorbtu b'diversi kundizzjonijiet lil min jinghata licenzja biex jopera bhala provditur tas-servizzi finanzjarji mill-MFSA. Dawn ir-regolamenti, kif ukoll id-Direttiva MiFID, saru bil-hsieb li jipprotegu lill-konsumatur tas-servizzi finanzjarji, li jitqies li huwa f'pozizzjoni inferjuri ghall-provditur tas-servizz li mistenni li jkun l-espert fil-qasam tieghu, u li jagixxi qabel kollox fl-interess tal-klijent (in the best interest of the client).*

*L-Investment Services Rules (ISR, Part B1), mahrugin mill-MFSA, jistabbilixxu x'inhu u x'mhux prodott kumpless. Prodott isir kumpless jekk, fost affarijiet ohra, ma jaghtix liberta` lill-investitur jiddisponi jew jifdi l-prodott skont prezzijiet li huma accessibbli pubblikament jew jekk il-karatterisitici tal-prodott ma jistghux jigu mifhuma b'mod facli mill-investitur retail, u b'hekk, ma jkunx f'qaghda li jaghmel decizjoni infurmata meta jigi biex jinvesti.*

*Ghar-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq, il-prodott Keydata Lifemark SIB ghandu jitqies bhala prodott kumpless.*

*Galadarba prodott jitqies li huwa kumpless, allura l-provditur li jkun qed jagixxi f'advisory capacity, bhal f'dan il-kaz, irid jaghmel dak li jissejjah suitability test fuq l-ilmentatur li, fost affarijiet ohra, jinkludu: l-eta`, l-impjieg jew in-nuqqas tieghu, il-livell ta' edukazzjoni, l-esperjenza fl-investimenti, jekk qattx dahal qabel f'investimenti kumplessi, ecc.*

*Skont l-Investment Services Rules for Investment Service Providers tal-MFSA, Suitability Test irid jiddetermina:*

*i. Jekk il-prodott finanzjarju li jkun ser jigi mibjugh '**meets the investment objectives of the client'***
*ii. Jekk il-klijent ghandux '**the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction'***

*iii. Jekk il-klijent huwiex '**financially able to bear any related investment risk consistent with his investment objectives'***

*Fl-ewwel lok irid jitqies jekk, f'dan il-kaz partikolari, il-prodott mibjugh mill-provditur tas-servizz kienx jilhaq l-oggettivi tal-klijent. L-ilmentatur u martu riedu prodott, li ghalkemm seta' kien fih certu riskju, (bhal kull prodott finanzjarju iehor), ma riedux prodott b'riskju kbir. In kontro-ezami Angelo Zahra xehed hekk:*

*'Mistoqsi jekk ghidnilhomx li rridu riskju jew riskju gholi nghid li riskji dejjem hemm anke l-bank, pero` mhux riskju gholi. Nghid illi mhux li ma jkun hemm riskju xejn, pero` ghidtilhom ma rridx riskju gholi.'*

*Din ix-xhieda ma gietx kontradetta, ghaliex min bieghlu l-prodott ma ttellax jixhed mill-provditur u min xehed ma kienx ghadu impjegat mall-provditur meta nbiegh il-prodott. L-Arbitru m'ghandux ghalfejn ma jemminx ix-xhieda ta' Angelo Zahra, ghaliex kif xehed hu stess, hu u martu kienu t-tnejn pensjonanti meta sar l-investiment, u f'dik l-eta`, hadd ma jkun irid jissogra dak, li b'tant sagrificcji, jkun irnexxielu jgemma' wara hajja twila ta' xoghol. F'dik l-eta`, il-klijent ikun irid izid dhul iehor mal-pensjoni u mhux li jkabbar il-kapital.*

*It-tieni rekwizit huwa li l-klijent irid ikollu esperjenza bizzejjed biex jifhem il-portata ta' dik it-tranzazzjoni.*

*Huwa minnu li l-ilmentatur kien diga` kellu xi investimenti ohra, pero` l-ebda wiehed mill-investimenti li kellu l-ilmentatur ma kien kumpless kif kien l-SIB, u ghalhekk, l-ilmentatur ma setax jifhem kemm kien fih riskju dak il-prodott.*

*Huwa kien ta l-fiducja tieghu lill-provditur li serrahlu rasu li l-prodott ma kienx riskjuz.*

*Huwa ta' relevanza kbira li kien il-provditur tas-servizz li ha l-inizjattiva sabiex l-ilmentatur u martu jinvestu fl-SIB. L-ilmentatur xehed:*

*'Jien nghid li meta semmejt lis-Sur Caruana dwar li beda jissuggerixxi b'certu hegga, jien nghid li dan baqa' jinsisti. Dan kien meta kien baghat ghalija u qalli li ried ikellimni urgenti u qalli li l-Aberdeen kien sejjer il-bahar u l-ahjar li nnehhuhom minn hemm u npogguhom fil-Keydata. Nghid li jiena gejt iffittat biex niswiccja u, barra minn hekk, qalli li fejn qed jissuggerixxi hu, fil-Lifemark Secure ghal 5 snin.*

*Il-provditur tas-servizz jikkonferma hu stess li dan is-Sur Caruana ma kienx awtorizzat mill-MFSA biex jaghti dan is-servizz. U dan juri nuqqas ta' diligenza serja mill-provditur tas-servizz.*

*Id-difiza tal-provditur bazikament tistrieh fuq il-File Note li ffirmaw l-ilmentatur u martu. Il-provditur jghid li din il-File Note tirrapprezenta dak li jkun gara waqt it-tranzazzjoni. Imma ma jidhirx li kien il-kaz fil-kaz odjern, ghaliex mart l-ilmentatur lanqas biss kienet prezenti, ghax iffirmat il-File Note id-dar taghha minghajr spjegazzjoni ta' xejn. Il-provditur jghid li dan kien htija tal-ilmentatur li ried jaghmel l-affarijiet wahdu. L-Arbitru hu tal-fehma li r-responsabbilta` taqa' fuq il-provditur li jara li, qabel ma persuna tiffirma, jkun fiehem lil dik il-persuna dak li se li ser tiffirma, ghaliex dan huwa negozju kumpless li, persuni ordinarji bhal l-ilmentatur u martu, jkun jinhtiegu l-gwida ta' min ikun jifhem aktar minnhom.*

*Ghalkemm il-provditur jghid li mill-File Note jirrizulta li l-klijenti kienu konxji tar-riskju li dahlu ghalih, l-Arbitru jinnota li din il-File Note hija b'tipi zghar hafna u bilkemm tista' tinqara, kif ukoll fiha hafna ittikkjar ta' kaxxi li suppost jindikaw li dik l-informazzjoni giet moqrija u spjegata lil min ikun se jiffirmaha.*

*Il-provditur ma gab l-ebda prova biex jipprova dan; anzi, Angelo Zahra, fix-xhieda tieghu, xehed li ma kienu spjegawlu xejn minnha u, peress li l-mara tal-ilmentatur ma kienetx prezenti, (ghax iffirmatha d-dar), allura hemm prova bil-maqlub.*

*L-Arbitru jaqbel mal-argument tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, f'kaz simili ghal dan, li mhux bizzejjed li xi hadd jiffirma dokument, imma jrid ikun konsapevoli ta' dak li jkun qed jiffirma u jifhem is-sinifikat ta' dik it-tranzazzjoni. L-obbligi fuq il-provditur huma cari ...*

*...*

*Barra minn hekk, din it-tranzazzjoni hija wahda bejn konsumatur u kummercjant u ghalhekk taqa' taht il-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn il-konsumatur jitqies li qieghed f'sitwazzjoni inferjuri u ta' skwilibriju ghal dik tal-kummercjant, u ghalhekk, il-klijent irid jigi ttrattat b'mod gust (fair) mill-kummercjant ...*
*M'hemmx dubju li l-ilmentatur u martu qaghdu fuq dak li qalilhom is-Sur Caruana li, minkejja li ma kienx awtorizzat jaghti dawk is-servizzi mill-MFSA, thalla jinnegozja mal-ilmentatur mill-provditur tas-servizz odjern.*

*L-ilmentatur qatt ma kien sema' bl-SIB u kien il-provditur tas-servizz li nsista mieghu meta, b'mod ingust, qallu li l-investiment li kellu kien sejjer il-bahar u kellu 'jiswiccja' ghall-SIB.*

*L-Arbitru ma jara l-ebda skop iehor fl-agir tal-provditur hlief li kien qed ihajjar lill-ilmentatur jidhol fl-SIB biex ikun jista' jiehu l-kummissjoni. Dan zgur li ma kienx, kif tghid il-MiFID, fl-ahjar interess tal-klijent.'*

42. Fir-rigward ta' dak li qal l-Arbitru, din il-qorti ser tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha fil-ħames aggravju. Għall-finijiet tat-tielet u r-raba' aggravju huwa biżżejjed li jiġi stabbilit li l-Arbitru kkonkluda li l-prodott ma kienx *suitable* u *appropriate* għalihu għal martu. Għaldaqstant, kien hemm ness bejn it-telf lamanetat mill-ilmentaturi u t-tort imputabbli lill-appellanti.

43. A tenur tal-artikolu 26(3)(ċ) tal-Kap. 555:

> *'Jekk l-ilment jinstab totalment jew parzjalment sostanzjat, l-Arbitru jista' jordna lill-provditur tas-servizzi finanzjarji jagħmel waħda jew iżjed minndawn li ġejjin:*
>
> *...*
>
> *(iv) li jħallas ammont ta' kumpens għal kull telf ta' kapital jew dħul jew danni sofferti mill-persuna li tagħmel l-ilment minħabba fl-imġiba li fuqha jkun sar l-ilment, mingħajr imgħax jew bl-imgħax, b'dik ir-rata raġonevoli u fil-parametri stabbiliti bil-liġi kif l-Arbitru jista' jiddeċiedi, fuq il-flus kollha jew xi parti mill-flus, u fuq iż-żmien kollu jew xi parti mill-perjodu bejn id-data li fiha l-imġiba li fuqha jkun sar l-ilmenttkun bdiet sad-data li fiha jsir il-ħlas;'*

44. Ladarba l-appellanti biegħet lill-appellat prodott finanzjarju li ma kienx xieraq għailhu għal martu, l-Arbitru bla dubju kien pjenament ġustifikat li jiddeċiedi li l-appellat għandu dritt jiġi rifuż l-ammont sħiħ minnu pretiż.

**Il-Ħames Aggravju.**

45. L-appellanti tilmenta ukoll li fil-mertu, il-konklużjoni tal-Arbitru hija bbażata fuq apprezzament ħażin tal-fatti u l-provi miġjuba quddiemu. Fil-qosor, tilmenta li: (i) l-analiżi tal-investiment li għamel l-Arbitru hija nkorretta; u li (ii) ir-raġuni mogħtija mill-Arbitru għalfejn l-investiment falla hija ukoll inkorretta. Tinsisti li l-prodott in kwistjoni ma kienx wieħed ta' riskju għoli u li l-appellat kien bniedem kapaċi jifhem ir-riskji nvoluti. Targumenta ukoll li l-ilmentatur appellat ħa l-*File Note* id-dar biex tiffirmaha martu u għalhekk kellu l-opportunità jaqraha fil-kumdita ta' daru; li l-livell ta' edukazzjoni tiegħu ma kienx baxx tant li laħaq direttur mal-Gvern u kien ilu jinvesti ħames snin. Issostni ulterjorment li l-Arbitru żbalja meta skarta l-importanza tal-*File Note.* Skont l-appellanti, hemm għalhekk raġunijiet gravi biżżejjed biex din il-Qorti tirrevedi l-mertu.

46. Jibda biex jingħad li għal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, hu magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Prim' Istanza. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza ***Dr Frank Portelli vs Dr Josella Farrugia nomine et*** tad-19 ta' Lulju, 2019, qalet:

> *"13. Illi din il-Qorti ttenni li meta jitqajjem quddiemha aggravju ta' appell li jolqot l-apprezzament tal-provi li jkun sar minn qorti tal-ewwel grad, hi tħares b'reqqa lejn l-istedina li tkun qiegħda ssirilha biex tagħmel valutazzjoni tagħha ta' dawk il-provi minflok dik tal-ewwel Qorti. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli dik il-valutazzjoni, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma jwasslu bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk*

*jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni".*

47. Jiġi ribadit li mhuwiex kontestat li l-*issuer* tal-prodott li nbiegħ lill-appellati ma kinitx is-soċjetà appellanti u tant anqas ma ġie allegat jew deċiż li kienet il-kaġun tal-andament ħażin tal-prodott finanzjarju in kwistjoni.

48. Filwaqt li l-appellanti tiddikjara li dan ma kienx il-każ għaliex l-investiment in kwistjoni kien ta' riskju baxx u l-appellat kien bniedem kolt u ta' esperjenza biżżejjed biex jifhem ir-riski involuti, tonqos tindirizza l-fatt li fl-aħħar mill-aħħar, John Caruana, ir-rappreżentant tagħha li ta l-parir lill-appellant biex jagħmel l-*iswitch* mill-investiment li huwa u martu kellhom fl-*Aberdeen* għall-investiment *de quo*, fiż-żmien in kwistjoni ma kienx bniedem awtorizzat mill-MFSA biex jagħti dak is-servizz.[9] Fil-fehma tal-qorti, dan il-fatt waħdu ukoll huwa biżżejjed sabiex tirrespinġi dan l-aggravju.

49. Bla ħsara għal dan, u għall-finijiet ta' kompletezza din il-Qorti sejra ukoll tindirizza l-kwistjoni tal-*File Note* li l-appellanti tant tistrieħ fuqha.[10] Fl-ewwel lok John Caruana ma xehedx biex jikkonferma l-kontenut ta' l-istess. Lanqas ma xehedu John Rusher, *head of sales,* jew Erica Caruana, l-*financial planning manager* li ffirmat l-istess *file note.*[11] Skont l-appellat, la huwa u tant inqas martu, li kienet iffirmat il-*file note* id-dar mingħajr l-ebda spjegazzjoni da parti tas-soċjetà appellanti, **qatt ma ltaqgħu ma John Rusher u Erica Caruana**. Dan il-fatt ma jirriżultax kontestat u jsegwi għalhekk li Erica Caruana ma setgħat qatt tiddikjara li hija personalment spjegat il-prodott in kwistjoni lill-appellat u martu kif dikjarat fl-istess dokument. L-appellanti tippretendi iżda li l-Qorti tinjora dan kollu.

50. L-appellanti ppretendiet ukoll li l-Arbitru jqis is-servizz mogħti bħala wieħed ta' '*promote and sell'*. Dan minkejja li l-*KYC forms* kompilati minn John Caruana[12] stess jixhdu il-kontra.[13] Fihom hemm stampat li t-tip ta' servizz li ngħata kien *'Advisory'*.

51. Apparti dan, jiġi osservat insoltré li l-*File Note* in kwistjoni:

---

[9] Fol. 58 u 729.
[10] **Dokument D** a fol. 46.
[11] Fol. 57.
[12] Fol. 64 (faċċata ta' wara).
[13] Fol. 61, 77.

(i) hija dokument *standard form document;*

(ii) tuża kliem li mhux neċessarjament jinftiehem minn persuna li mhux teknika fis-servizzi finanzjarji; u

(iii) hija miktuba b'tipa verament żgħira u diffiċilment leġġibbli.

52. F' kull każ, dwar ir-riskju nvolut, il-*File Note* in kwistjoni li tant tistrieħ fuqha l-appellanti taqra hekk:

> *'1. Value of these investments and the income derived, can go down as well as up and you may get back less than the amount invested. Also if the investment in currency fluctuations may have an adverse effect on the value of your investment.*
> *2. Currency fluctuations may have an adverse effect on the value of your investment.*
> *3. Past performance is not a guide to the future ...'*

53. **Din hija *disclaimer* ġenerika li ma tammonta għall-ebda informazzjoni speċifika dwar ir-riskju reali u partikolari tal-investiment in kwistjoni. Hi dikjarazzjoni li normalment issir sabiex il-financial advisor ifarfar mir-responsabbilta' tal-parir li jkun ta lill-klijent sabiex jinvesti fi prodott partikolari. Kull investiment jaf jitla' u jinżel iżda mhux kull investiment iġorr miegħu l-istess livell ta' riskju. Imkien ma jirriżulta x' kienu r-riskji marbuta speċifikament mal-investiment f' *Lifemark SA – Secure Income Bond Issue 5.* Inoltre lanqas mhu biżżejjed li l-appellanti tistrieħ fuq dak li jingħad fil-brochure tal-prodott. Financial advisor għandu jagħmel ir-riċerka indipendenti tiegħu, u jidentifika u jispjega b'mod ċar u li jiftiehem ir-riskji partikolari tal-investiment partikolari li jkun ippropona lill-klijent. Hekk biss ikun qiegħed jaqdi parti mid-dmirijiet tiegħu lejn il-kljient.**

54. In kontro-eżami l-appellat jgħid li ma jafx jekk tawħx dokumenti oħra jew iffirmax dokumenti oħra apparti l-*file note.* Din il-Qorti hi tal-fehma li f'kull każ, kien jispetta lill-appellanti tagħmel it-test tas-*suitability* tal-investiment in kwistjoni għall-appellat u martu u l-fatt li forsi tat kopja tal-*brochure*[14] tal-prodott in kwistjoni lill-appellat ma jfissirx li eżonerat ruħha milli tagħmel dak l-eżerċizzju. Kien jinkombi fuqha is-soċjetà appellanti li filwaqt li tara li l-prodott offrut lill-appellat u martu kien xieraq għalihom u tipprovdilhom id-dokumentazzjoni relattiva, tispjegalhom ukoll il-prodott in kwistjoni b' mod li setgħu jifhmu r-riskju reali li dan l-investiment kien iġorr miegħu.

---

[14] Fol. 193 *et seq*.

55. Mill-fatti riżultanti lil din il-Qorti, hija konvinta li dan ma kienx il-każ. L-uniku rappreżentant tal-appellanti li qatt iltaqa' ma l-appellat, John Caruana, ma kienx awtorizzat jagħti *advisory services* fiż-żmien in kwistjoni. Dan apparti l-fatt li min-naħa tal-appellanti ħadd qatt ma ltaqa' ma mart l-appellat. Fiċ-ċirkostanzi partikolari hu għal kollox eskluż li l-appellanti għamlet dak it-test li għandha obbligu li tagħmel fil-każ ta' parir lil *retail clients* kif kienu l-konjuġi Zahra.

56. F' kull każ, din il-Qorti ma ġietx konvinta b'xi argument tal-appellanti li jista' jikkonvinċiha li għandha twarrab il-konklużjonijiet tal-Arbitru, u dan fir-rigward tal-livell ta' r-riskju u l-kumplessità inerenti fil-prodott in kwistjoni, kif ukoll li l-prodott propost ma kienx addattat għall-konjuġi Zahra. Għalkemm l-appellat ma kienx bniedem illitterat u kellu investimenti preċedenti oħra, waħdu ma jfissirx li huwa kien f' pożizzjoni li jifhem ir-riskji partikolari nvoluti fl-investiment *de quo*.

57. L-aggravju hu miċħud.

**Is-Sitt Aggravju.**

58. Permezz tas-sitt aggravju tagħha, l-appellanti tilmenta ukoll mill-fatt li d-deliberazzjonijiet tal-Arbitru inkludew apprezzament ta' dokumenti li l-esponenti kienet talbet l-isfilz tagħhom mill-istadju bikri tal-każ, fir-risposta tagħha, u saħansitra oralment waqt is-smiegħ tal-proċeduri, u liema talba la ġiet permessa li tiġi verbalizzata u li ġiet daqstant oralment miċħuda, u mingħajr l-ebda eżitu bil-miktub, liema kunsiderazzjonijiet kienu ta' preġudizzju għas-smiegħ u d-deċide tal-każ. Senjatament, tilmenta mill-fatt li l-Arbitru rrefera għall-każ fl-ismijiet ***Evelyn Farrugia et vs GlobalCapital Financial Management Ltd*** stante li l-istess għadu *sub judice* kif ukoll mill-fatt li rrifjuta jirreġistra t-talba tagħha għall-isfilz ta' dokumenti oħra eżebiti mal-ilment tal-appellat.

59. Fl-ewwel lok, m'hemm xejn x'iżomm lill-Arbitru milli jikkunsidra sentenzi tal-Prim' Istanza li dwarhom ikun għad hemm appell pendenti. F'kull każ, dak deċiż fl-ismijiet ***Evelyn Farrugia et vs GlobalCapital Financial Management Ltd***, strettament jorbot biss il-partijiet f'dik il-kawża b' dan illi f' każ li il-Qorti tal-Appell (Superjuri) kellha tvarja s-sentenza tal-Prim' Istanza, ma jfissirx awtomatikament li l-kunsiderazzjonijiet tagħha jkunu japplikaw għall-każ odjern.

60. Rigward l-allegata talba għal sfilz ta' dokumenti oħra, l-appellanti lanqas m'għandha raġun. Jekk hija riedet tifformalizza t-talba tagħha setgħet tagħmel talba bil-miktub f'dak is-sens u tinsisti li jingħata provvediment. Inoltre, lanqas

ma tressqu raġunijiet li jistgħu jissodisfaw lil din il-qorti għalfejn id-dokumenti kellhom jitneħħew mill-atti.

**Is-Seba' Aggravju.**

61. Finalment l-appellanti tilmenta li l-imgħax ma kellux jibda jiddekorri minn meta ngħata s-servizz.

62. Kuntrarjament għall-każistika kkwotata mill-appellanti, la darba dan kien każ ta' *misselling*, a tenur tal-Kap. 555 ma hemm xejn x'iżomm lill-Arbitru milli jakkorda lill-appellat imgħax mid-data meta ngħata parir li ma kienx *suitable* għalih.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.